MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2054/2002

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Andrew Francis Ciantar u b'digriet tal-24 ta' Marzu, 2003 gie kjamat in kawza Jalal Memmi u b'digriet tal-4 ta' Novembru, 2004 gie revokat id-digriet tal-kjamat in kawza**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih is-socjeta' attrici talbet is-somma ta' Lm812.87c (tmien mija u tnax-il lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) liema somma giet ridotta ghal Lm797.72c (seba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) fil-mori tal-kawza.

Ra r-Risposta tal-konvenut li qal li mhux il-legittimu kontradittur, li t-talbiet huma nfondati u li Jalal Memmi

huwa l-persuna li ghamel uzu mis-servizz u ammetta li ghandu jhallas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.

Ra li wara li gie kjamat in kawza Jalal Memmi, d-digriet tal-kjamat in kawza gie revokat ghaliex il-kjamat in kawza qatt ma gie notifikat.

Il-konvenut qal li ghamel xi zmien joqghod fil-post fejn kien hemm it-telefon izda telaq minn hemm f'Novembru 1999 u kien informa lill-Maltacom li xtaq jaqta' t-telefon minn fuqu. Il-Maltacom avzawh li l-ewwel irid ihallas. Il-konvenut qal li Jalal Memmi kien accetta li jhallas l-ammont dovut u fil-fatt beda jhallas.

Illi m'hemmx dubju li l-konvenut kien is-*subscriber*. Illi huwa veru li Jalal Memmi kien accetta li jkun *co-debtor* izda dan ma jfissirx li l-konvenut m'ghadux responsabbli fil-konfront tas-socjeta' attrici. Bhala *subscriber* il-konvenut jibqa' responsabbli anki jekk jitlaq mill-post in kwistjoni.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Lm797.72c (seba' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Avviz (28 ta' Settembru, 2002).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------